**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Kumpilazzjoni Nru. 62/2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**(Spettur Lydon Zammit)**

**vs**

**-omissis-**

**Illum, 19 ta' Frar 2020**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

"-omissis-

1. Talli fil-5 ta' Frar 2020 ghal habta ta 15:10Hrs, gewwa Triq Alessio Erardi Zabbar ikkommetta serq ta' vettura bin-numru tar-registrazzjoni GBF493 ta' l-ghamla Toyota Vitz ghad-dannu ta' Faustino Ellul liema serq huwa aggravat bl-ammont li

jeċċedi l-elfejn u tlett mija u disgha u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bix-xorta tal-ħaġa misruqa skond Art 261(c)(g), 267, 271(g), 279(b), 280(1) tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta.

2. Talli fil-5 ta' Frar 2020 għal ħabta ta' 15:00Hrs, minn ġewwa il-Kappella tal-Knisja tas-Salib Imqaddes li tinsab fi Triq Alessio Erardi Żabbar ikkommetta serq ta' ċwievet ta' vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni GBF 493 ta' l-għamla Toyota Vitz għad-dannu ta' Faustino Ellul liema serq huwa aggravat bil-lok, skond Art 261(e), 269(a), 281(a) tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta.

3. Talli bejn fil-5 ta' Frar 2020, għal ħabta ta' 16.30hrs ġewwa Triq il-Farfett il-Marsa, b'nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħek, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti għamilt xi ħsara fuq il-vettura KBV908 tal-għamla Honda Fit għad-dannu ta' Juliette Ebejer skond Art 328(d) tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta.

4. Talli fil-5 ta' Frar 2020 ġewwa dawn il-gżejjer, saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni GBF 493 ta' l-għamla Toyota Vitz fit-triq kemm il-darba għall-użu ta' din il-vettura minnu, ma kinitx fis-seħħ polza ta' assikurazjoni dwar ir-riskji ta' terzi. Artikoli 3(1) tal-Kap 104 tal-liġijiet ta' Malta.

5. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi irrenda ruħu reċidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta liema sentenza saru definittivi u ma jistawx jinbidlu.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-liġijiet ta' Malta.

> Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 tal Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta għas-sigurta' ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati."

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu u wara li l-Qorti spjegatlu l-portata tal-akkużi fil-konfront tieghu l-imputat reġa' ammetta l-akkużi kif dedotti;

Rat illi l-imsemmija ammissjoni ghalhekk giet debitament registrata fil-verbal tas-seduta tal-lum;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi fis-seduta tal-lum stess l-imputat irregistra ammissjoni tal-akkuzi kollha migjuba kontrih.

Illi fuq tali ammissjoni l-akkuzi jinsabu pruvati u l-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat.

Il-Qorti fir-rigward tal-piena li ghandha tigi inflitta ikkunsidrat kemm in-natura u l-gravita tal-akkuzi migjuba kontra l-imputat, il-fedina penali

tal-imputat, l-ammissjoni bikrija tal-imputat kif ukoll ic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz.

Il-Qorti għalhekk fuq ammissjoni qeghda ssib lill-imputat hati u wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261(c)(e)(g), 267, 269(a), 271(g), 279(b), 280(1), 281(a), 289, 328(d) u 579 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 3(1) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah kumplessivament ghal tliet snin habs effettivi.

Il-Qorti qeghda wkoll tpoggi lill-imputat -omissis- taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett snin mil-lum u dan sabiex, wara li ssirlu d-debita evalwazzjoni minn tim professjonali jigi mfassal pjan ta' kura sabiex l-imputat jinghata l-assistenza kollha mehtiega sabiex jirrijabilita ruhu mill-vizzju tad-droga.

Stante illi ma kien hemm l-ebda hatra ta' esperti jew periti f'dawn il-proceduri, l-Qorti tiddikjara li ma hemm l-ebda spejjez x'jithallsu taht l-Artiklu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti qeghda wkoll tirrakkomanda lill-awtoritajiet tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin illi l-imputat jigi moghti l-assistenza kollha possibbli wara d-debita evalwazzjoni sabiex jirriabilita' ruħu mill-vizzju tad-droga.

Stante li l-Prosekuzzjoni ma kellhiex il-kunsens tal-Avukat Ġenerali sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja, l-Qorti tordna li l-atti jintbaghtu ghand l-avukat generali skond il-ligi.

Il-Qorti spjegat fi kliem car lill-imputat l-import ta' din is-sentenza.

***Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

Angelo Buttigieg
Deputat Registratur